REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 351/2008

tas-16 ta' April 2008

li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji ta' l-ajru li jużaw ajruporti tal-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurtà [sikurezza] ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2004/36/KE tintroduċi approċċ armonizzat għall-infurzar effikaċi ta' standards internazzjonali tas-sikurezza fi ħdan il-Komunità, permezz ta' l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ispezzjonijiet fir-rampa ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jinżlu f'ajruporti ġewwa l-Istati Membri. Tobbliga lill-Istati Membri li, fi kwalunkwe ajruport tagħhom li jkun miftuħ għat-traffiku internazzjonali ta' l-ajru, bi proċedura armonizzata jwettqu spezzjonijiet fir-rampa fuq inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi li dwarhom ikun hemm suspett li ma jirrispettawx l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u li jieħdu sehem fil-ġbir u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet fir-rampa li jkunu twettqu.

(2) Biex kemm jista' jkun jiġu mmassimizzati r-riżorsi limitati disponibbli għall-awtoritajiet kompeteneti ta' spezzjoni ta' kull Stat Membru, għandhom jagħtu prijorità lit-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq ċerti kategoriji ta' operaturi u ta' inġenji ta' l-ajru li jkunu partikolarment suxxettibbli għal nuqqasijiet ta' sikurezza.

(3) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 [2],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tifsiriet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'il-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa' tfisser id-dedikazzjoni ta' parti adegwata ta' l-għadd totali ta' spezzjonijiet fir-rampa mwettqa minn Stat Membru fuq bażi annwali, kif provdut bl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament;

(2) 'suġġett' tfisser l-operatur u/jew l-operaturi kollha minn Stat partikolari u/jew tip ta' inġenju ta' l-ajru u/jew inġenju ta' l-ajru partikolari.

Artikolu 2

Kriterji ta' Prijoritizzazzjoni

Bla ħsara għall-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2004/36/KE, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-ispezzjonijiet fir-rampa tagħhom fuq is-suġġetti li ġejjin li jinżlu fi kwalunkwe ajruport tagħhom miftuħ għat-traffiku internazzjonali ta' l-ajru:

(1) Suġġetti li jkunu ġew identifikati bħala theddida potenzjali għas-sikurezza abbażi ta' analiżijiet regolari mwettqa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ("EASA").

(2) Suġġetti li, abbażi ta' opinjoni espressa mill-Kumitat dwar is-Sikurezza fl-Ajru fi ħdan il-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], ikunu ġew identifikati bħala li jeħtieġu verifika addizzjonali tal-konformità effettiva ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz ta' spezzjonijiet sistematiċi fir-rampa. Dan jista' jinkludi suġġetti li jkunu ġew irtirati mill-elenku ta' operaturi ta' l-ajru soġġetti għal projbizzjoni ta' l-operat fil-Komunità stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ("l-elenku tal-Komunità").

(3) Suġġetti li jkunu ġew identifikati abbażi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni tkun kisbitha mill-Istati Membri jew mill-EASA skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(4) Inġenji ta' l-ajru operati lejn il-Komunità minn operaturi inklużi fl-Anness B ta' l-elenku tal-Komunità.

(5) Inġenji ta' l-ajru operati minn operaturi oħra ċċertifikati fl-istess Stat bħal kwalunkwe operatur ieħor li jkun jidher fl-istess waqt fl-elenku tal-Komunità.

[1] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

[2] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

[3] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

Artikolu 3

Komunikazzjoni

1. L-EASA għandha tikkomunika elettronikament lill-Istati Membri, talanqas darba kull erba' xhur, lista tas-suġġetti msemmija fl-Artikolu 2.

2. L-EASA għandha tissorvelja l-proċess ta' prijoritizzazzjoni u tgħaddi lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam ta' l-avjazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jsegwu l-andament madwar il-Komunità tal-prijoritizzazzjoni ta' l-ispezzjonijiet fuq suġġetti msemmija fl-Artikolu 2, inkluża d-dejta statistika rilevanti tat-traffiku ta' l-ajru.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President